



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2010/0074(COD)

28.10.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini
(COM(2010)0119 – C7-0089/2010 – 2010/0074(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Róża Gräfin von Thun und Hohenstein

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-Artikolu 11(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jintroduċi innovazzjoni importanti fil-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprovdi għodda konkreta ġdida għall-parteċipazzjoni ċivika u għad-dibattitu pan-Ewropew:

“Ċittadini ta’ l-Unjoni, li l-għadd tagħhom ma jkunx anqas minn miljun, li jkunu ċittadini ta’ għadd sinifikanti mill-Istati Membri, jistgħu jieħdu l-inizjattiva li jitolbu lill-Kummissjoni Ewropea, fil-qafas tal-kompetenzi mogħtija lilha, sabiex tippreżenta kull proposta xierqa dwar il-kwistjonijiet fejn iċ-ċittadini jikkunsidraw li jkun meħtieġ att legali ta’ l-Unjoni għall-implimentazzjoni tat-Trattati.”

Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini tispjega l-proċeduri u l-kundizzjonijiet għal kif l-inizjattiva taċ-ċittadini se tiffunzjona fil-prattika.

Il-komunikazzjoni, iċ-ċittadinanza attiva, iż-zgħażaġh u r-rwol tas-soċjetà ċivili bħala attur inklussiv u parteċipatorju fl-Ispazju Pubbliku Ewropew jappartienu lir-responsabilitajiet ewlenin tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni.

Ir-rapporteur tilqa’ b’ sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni, peress li meta s-soċjetà ċivili tiġi involuta fit-tiswir tal-politiki u fit-tnejjijiet tad-deċizzjonijiet dan isahha il-leġittimità demokratika tal-istituzzjonijiet pubbliċi, tax-xogħol u l-attivitajiet tagħhom. Madankollu, il-proċeduri u l-kundizzjonijiet għandhom ikunu ddisinjati b’mod prammaturu kemm jista’ jkun. Barra minn hekk, il-proċeduri amministrattivi kkumplikati għandhom jiġu evitati kemm fil-livell istituzzjonali u kemm fil-livell nazzjonali. Ir-rapporteur għandha l-preokkupazzjonijiet prinċipali u s-suġġerimenti li ġejjin biex tinbidel il-proposta:

Peress li l-inizjattiva taċ-ċittadini hija għodda li għandha tintuża miċ-ċittadini nfushom u l-għan tagħha hu li ssaħħa id-demokrazija diretta, iċ-ċittadina attiva, u l-influwenza taċ-ċittadini Ewropej fuq il-politiki tal-Unjoni Ewropea, l-inizjattiva għandha titressaq lill-Kummissjoni minn kumitat organizzattiv li jkun jikkonsisti minn tal-anqas disa’ ċittadini Ewropej li jkunu ġejjin minn tal-anqas disa’ Stati Membri. Proċedura bħal din se tiżgura li kull inizjattiva se jkollha karattru Ewropew mill-bidu nett.

L-esklużjoni ta’ persuni legali mill-kumitat organizzattiv se tħares l-inizjattiva taċ-ċittadini mill-possibilità ta’ abbuż ta’ organizzazzjonijiet kummerċjali, partiti politiċi u organizzazzjonijiet oħra eżistenti li huma wisq aktar b’saħħithom minn grupp ta’ ċittadini u għandhom aktar possibilitajiet li jaġixxu fil-livell Ewropew. L-inizjattiva taċ-ċittadini m’għandhiex tiżviluppa f’kampanji elettorali, u l-anqas m’għandha tintuża bħala għodda għal kampanji bħal dawn. Il-politikanti għandhom għodod oħra biex jinfluwenzaw id-deċizzjonijiet leġiżlattivi.

Skont ir-rapporteur, ikun importanti li organizzatur ikun jaf minn kmieni biżżejjed liema tip ta’ att legali jew miżura legali ikunu xierqa bil-għan li jintlaħqu l-oġettivi tal-inizjattiva taċ-ċittadini fil-każ li tkun suċċess. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-organizzatur indikazzjoni realistikha, li tkun l-ewwel waħda, dwar miżuri xierqa li diġà jinsabu fil-kuntest

tal-iċċekkjar tal-ammissibilità. Dik il-ħaġa tkun tevita d-diżappunti fil-każ li l-Kummissjoni wara kollox ma tipproponix att legali vinkolanti.

Barra minn hekk, m'hemm l-ebda ħtieġa li l-eżami tal-ammissibilità jistenna sa ma l-kumitat organizzattiv ikun ġabar ċertu numru ta' firem u ppreżenta lill-Kummissjoni talba għal deċiżjoni dwar l-ammissibilità. Biex tipprevjeni kwalunkwe piż amministrattiv mhux meħtieġ, il-Kummissjoni għandha teżamina l-ammissibilità tal-inizjattiva proposta dritt wara r-reġistrazzjoni, u bla dewmien.

Ir-rapporteur irid jissimplifika l-formola tad-dikjarazzjoni ta' appoġġ. L-ewwel nett, ir-Regolament għandu jispjega biss dawk ir-rekwiżiti li huma meħtieġa. Rigward id-data personali, dawn ir-rekwiżiti meħtieġa għandhom ikunu biss l-isem, l-indirizz, in-nazzjonalità, id-data tat-twelid u l-firma. It-tieni nett, il-kumitat organizzattiv għandu jkun jista' jħejji il-formola tad-dikjarazzjoni ta' appoġġ tiegħu stess. B'dan il-mod, minbarra r-rekwiżiti meħtieġa spjegati fir-Regolament, il-kumitat organizzattiv fil-formola jista' jżid xi mistoqsijiet jew tagħrif addizzjonali, jew pereżempju l-logo tal-inizjattiva.

F'għieħ it-trasparenza, l-għejjun tal-finanzjament ta' kull inizjattiva taċ-ċittadini għandhom jiġu indikati fil-formola tad-dikjarazzjoni ta' appoġġ. Għandu jkun ċar għall-firmatarji kollha min hu dak li qed jiffinanzja l-inizjattiva rispettiva.

Ir-rapporteur trid ukoll tenfasizza l-importanza tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni u l-kampanji ta' tagħrif, bil-għan li titqajjem il-kuxjenza dwar l-Inizjattiva Ewropea taċ-Ċittadini. F'dan il-kuntest, il-programmi eżistenti li jipromwovu l-mobilità (bħalma huma l-programmi It-Tagħlim Tul il-Ħajja u Iż-Żgħażaġħ fl-Azzjoni) u ċ-ċittadinanza attiva (il-programm L-Ewropa għaċ-Ċittadini) jistgħu jwettqu rwol importanti. Rigward il-ġbir tal-firem, ir-rapporteur tirrakkomanda bis-sħiħ l-iżvilupp u l-użu ta' għodod onlajn xierqa li huma aċċessibbli faċilment madwar l-Unjoni Ewropea kollha.

Ir-rapporteur tixtieq ukoll li lir-rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni u lill-uffiċċji tal-informazzjoni tal-Parlament fl-Istati Membri, kif ukoll lin-netwerks tal-informazzjoni tal-Kummissjoni bħalma huma l-Ewropa Diretta u s-Servizz ta' Orjentament taċ-Ċittadini, tagħtihom rwol permanenti fejn jipprovdu liċ-ċittadini l-informazzjoni kollha meħtieġa rigward l-inizjattiva taċ-ċittadini.

Skont ir-rapporteur, l-età minima tal-firmatarji għandha tkun ta' 16-il sena minflok ta' 18. Iċ-ċittadinanza attiva, l-inklużjoni soċjali u s-solidarjetà taż-żgħażaġh huma kruċjali għall-Ewropa tal-ġejjieni. Legalment, iż-żgħażaġh isiru adulti meta jagħlqu t-18-il sena. Minkejja l-fatt li l-inizjattiva taċ-ċittadini m'għandhiex effett dirett, tista' toħloq dibattitu trans-Ewropew u finalment tiddinamizza l-imbuttatura tad-deċiżjonijiet leġiżlattivi. Barra minn hekk, meta wieħed jorbot l-età minima mar-rekwiżiti nazzjonali tal-età tal-votazzjoni x'aktarx li tinholq l-inugwaljanza, minħabba d-differenzi fir-rekwiżiti nazzjonali.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet

Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li g'ejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 3 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Jeħtieġ li jiġu organizzati kampanji ta' pubbliċità, sabiex titqajjem kuxjenza dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, jiġi promoss id-djalogu ċivili u jinbenda spazju pubbliku Ewropew ġenwin; f'dan il-kuntest, l-attivitajiet ta' komunikazzjoni u l-kampanji ta' informazzjoni għandhom rwol importanti. Għaldaqstant il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-użu tal-programmi eżistenti li jippromwovu l-mobbiltà u ċ-ċittadinanza attiva u forom ġodda ta' komunikazzjoni, bħalam huwa n-networking soċjali, li jgħibu 'l quddiem id-dibattitu pubbliku.

Ġustifikazzjoni

Il-komunikazzjoni effiċjenti dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini hija kruċjali. Il-programmi eżistenti li jippromwovu l-mobbiltà (bħalma huma l-programmi tat-Tagħlim Tul il-Ħajja u Żgħażaġħ fl-Azzjoni) u ċ-ċittadinanza attiva (il-programm l-Ewropa għaċ-Ċittadini), kif ukoll is-Sena Ewropea għall-Volontarjat 2011 jistgħu jkunu utli f'dan il-kuntest.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 3 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3b) Ir-rappreżentanzi tal-Kummissjoni Ewropea u l-uffiċċji ta' informazzjoni tal-Parlament Ewropew fl-Istati Membri, flimkien man-netwerks ta' informazzjoni tal-Kummissjoni, għandu jkollhom rwol permanenti fil-provviment tal-

*informazzjoni neċessarja kollha liċ-
ċittadini dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini.*

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Huwa meħtieġ li jiġi stabbilit in-numru minimu ta' Stati Membri li minnu jridu jkunu ġejjin iċ-ċittadini. Sabiex jiġi żgurat li l-inizjattiva taċ-ċittadini hija rappreżentattiva tal-interess tal-Unjoni, dan in-numru għandu jkun stabbilit għal **terz** tal-Istati Membri.

Emenda

(5) Huwa meħtieġ li jiġi stabbilit in-numru minimu ta' Stati Membri li minnu jridu jkunu ġejjin iċ-ċittadini. Sabiex jiġi żgurat li l-inizjattiva taċ-ċittadini hija rappreżentattiva tal-interess tal-Unjoni, dan in-numru għandu jkun stabbilit għal **kwart** tal-Istati Membri.

Ġustifikazzjoni

L-inizjattiva taċ-ċittadini għandha tkun disponibbli għaċ-ċittadini, u għalhekk il-limitu minimu ta' appoġġ m'għandux ikun għoli wisq. Ir-rekwiżit ta' kwart tal-Istati Membri (i.e. 7 mit-total attwali ta' 27 Stat Membru tal-UE) huwa espressjoni kbira biżżejjed ta' interess komuni tal-UE. Fl-istess ħin, dan huwa konformi ma' dispożizzjonijiet oħrajn tat-Trattati, bħalma huwa l-Artikolu 76 TFUE.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Huwa xieraq li wieħed jiffissa età minima għall-appoġġ ta' inizjattiva taċ-ċittadini. Din għandha tiġi stabbilita **bħala l-età li fiha ċ-ċittadini huma intitolati biex jivvotaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.**

Emenda

(7) Huwa xieraq li wieħed jiffissa età minima għall-appoġġ ta' inizjattiva taċ-ċittadini. Din għandha tiġi stabbilita **għall-età ta' 16-il sena.**

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza u t-trasparenza f'relazzjoni mal-inizjattivi taċ-ċittadini proposti, għandu jkun obligatorju li tali inizjattivi jiġu reġistrati fuq websajt ipprovduta mill-Kummissjoni qabel il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa miċ-ċittadini; **proposti** li jkunu abbużivi jew neqsin mis-serjetà m'għandhomx jiġu reġistrati u l-Kummissjoni għandha tirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' proposti li b'mod ċar huma kontra l-valuri tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tittratta r-reġistrazzjoni skont il-prinċipji ġenerali ta' amministrazzjoni tajba.

Emenda

(8) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza u t-trasparenza f'relazzjoni mal-inizjattivi taċ-ċittadini proposti, għandu jkun obligatorju li tali inizjattivi jiġu reġistrati fuq websajt ipprovduta mill-Kummissjoni qabel il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa miċ-ċittadini; ***Din il-websajt għandha tagħti spjegazzjoni dettaljata tar-rekwiżiti formali u legali biex inizjattiva tkun suċċess. Bla dubju sservi ta' għodda edukattiva li tippermetti li ċ-ċittadini jsemmgħu l-vuċi demokratika tagħhom. Proposti*** li jkunu abbużivi jew neqsin mis-serjetà m'għandhomx jiġu reġistrati u l-Kummissjoni għandha tirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' proposti li b'mod ċar huma kontra l-valuri tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tittratta r-reġistrazzjoni skont il-prinċipji ġenerali ta' amministrazzjoni tajba.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Huwa xieraq li jsir provvediment li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru permezz tal-karti kif ukoll onlajn. Is-sistemi ta' ġbir onlajn għandu jkollhom karatteristiċi ta' sigurtà adegwati biex jiżguraw, inter alia, li l-persuna tkun tista' tiġi identifikata u li d-dejta tinħażen b'mod sigur. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tkun obligata li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati għas-sistemi ta' ġbir onlajn.

Emenda

(10) Huwa xieraq li jsir provvediment li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru permezz tal-karti kif ukoll onlajn. ***Madankollu, sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura u ssir iktar aċċessibbli onlajn, għandu jitħeġġeġ il-ġbir ta' firem onlajn.*** Is-sistemi ta' ġbir onlajn għandu jkollhom karatteristiċi ta' sigurtà adegwati biex jiżguraw, inter alia, li l-persuna tkun tista' tiġi identifikata u li d-dejta tinħażen b'mod sigur. ***Il-fiduċja taċ-ċittadini fl-iskema tal-inizjattiva taċ-ċittadini se tkun element ewlieni li jikkontribwixxi għas-suċċess tagħha.*** Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tkun obligata li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati għas-

sistemi ta' ġbir onlajn *sabiex tiffaċilita l-proċess. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għodda onlajn sikura u b'xejn li tippermetti li l-firem jinġabru b'mod li ma jipperikolax il-privatezza.*

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Huwa xieraq li l-Kummissjoni tieħu deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà ta' l-inizjattivi proposti *fi stadju biżżejjed bikri. L-organizzatur għandu għalhekk jagħmel talba għal deċiżjoni wara li jkun għabar 300.000 dikjarazzjoni ta' appoġġ għall-inizjattiva proposta minn firmatarji ġejjin għall-anqas minn tliet Stati Membri.*

Emenda

(13) Huwa xieraq li l-Kummissjoni tieħu deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà tal-inizjattivi proposti *qabel ma jibdew jinġabru l-firem. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-ammissibbiltà ta' inizjattiva bla dewmien wara li tkun ġiet irreġistrata.*

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Huwa xieraq li jiġi provdut li, fejn inizjattiva taċ-ċittadini tkun irċeviet id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa mill-firmatarji u sakemm tkun meqjusa ammissibbli, kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għall-verifika u ċ-ċertifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miċ-ċittadini ġejjin minn dak l-Istat. Filwaqt li jittieħed kont tal-bżonn li jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, huma għandhom, f'perjodu ta' tliet xhur, iwettqu tali verifiki fuq il-bażi ta' kontrolli adatti u għandhom joħorġu dokument li jiċċertifika n-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ li jinkisbu.

Emenda

(15) Huwa xieraq li jiġi provdut li, fejn inizjattiva taċ-ċittadini tkun irċeviet id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa mill-firmatarji u sakemm tkun meqjusa ammissibbli, kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għall-verifika u ċ-ċertifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miċ-ċittadini ġejjin minn dak l-Istat. *Bil-ġbir tal-firem onlajn, minbarra l-verifika teknika, hemm bżonn ta' kontroll ulterjuri tal-validità tal-firem.* Filwaqt li jittieħed kont tal-bżonn li jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, huma għandhom, f'perjodu ta' tliet xhur, iwettqu tali verifiki fuq il-bażi ta' kontrolli adatti u għandhom joħorġu dokument li jiċċertifika n-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ li

jinkisbu.

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament **ħames snin** wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

Emenda

(23) Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament **sentejn** wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

Ġustifikazzjoni

Ir-rieżami tas-suċċess tal-inizjattiva għandu jseħħ fi żmien perjodu twil biżżejjed biex jippermetti t-tlestija sħiħa tal-proċess ta' implimentazzjoni tiegħu u fl-istess ħin għandu jkun qasir biżżejjed biex jiġi żgurat li ma jkunx twil wisq wara l-bżonn li jiġi vvalutat kemm kienet effikaċi fir-rigward tal-kisba tal-għanijiet tal-inizjattiva.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. "**Organizzatur**" tfisser **persuna naturali jew legali jew organizzazzjoni** responsabbli għat-tħejjija u sottomissjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini lill-Kummissjoni.

Emenda

3. "**Kumitat organizzattiv**" tfisser **grupp ta' mill-inqas seba' ċittadini tal-Unjoni, li kull wieħed minnhom ikun ġej minn Stat Membru differenti, li jkun** responsabbli għat-tħejjija u sottomissjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini lill-Kummissjoni.

(Din l-emenda tapplika fit-test kollu. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.)

Emenda 11

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Meta l-organizzatur huwa persuna fiżika, dik il-persuna għandha tkun ċittadin tal-Unjoni u tkun tal-età intitolata biex tivvota fl-elezzjonijiet Ewropej.

1. Il-kumitat organizzattiv għandu jkun magħmul minn membri li jkunu ċittadini tal-Unjoni, li jkollhom età biżżejjed biex ikunu intitolati jivvotaw fl-elezzjonijiet Ewropej, u li ma jkunux qed iservu attwalment bħala Membri tal-Parlament Ewropew.

Ġustifikazzjoni

L-esklużjoni ta' persuni legali mill-kumitat organizzattiv se tħares l-inizjattiva taċ-ċittadini mill-possibilità ta' abbuż ta' organizzazzjonijiet kummerċjali, partiti politiċi u organizzazzjonijiet oħra eżistenti li huma wisq aktar b'saħħithom minn grupp ta' ċittadini u għandhom aktar possibilitajiet li jaġixxu fuq il-livell tal-UE. L-inizjattivi taċ-ċittadini m'għandhomx jiżviluppaw f'kampanji elettorali, u lanqas m'għandom jintużaw bħala għodda għal kampanji bħal dawn. Il-politikanti u speċjalment il-Membri tal-PE għandhom għodod oħra biex jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet leġiżlattivi. Ta' min jiġi enfasizzat li l-Membri tal-PE se jkollhom l-opportunità jeżaminaw kull inizjattiva wara –komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea.

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta l-organizzatur huwa persuna legali jew oragnizzazzjoni din għandha tkun stabbilita fi Stat Membru. L-organizzazzjonijiet li m'għandhomx personalità legali taħt il-liġi nazzjonali applikabbli għandu jkollhom rappreżentanti li għandhom il-kapaċità li jieħdu obbligi legali f'isimhom u li jassumu r-responsabbiltà.

imħassar

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Sabiex ikunu jistgħu jappoġġaw inizjattiva taċ-ċittadini proposta, il-firmatarji għandhom ikunu ċittadini tal-Unjoni u **tal-età intitolati biex jivvotaw fl-elezzjonijiet Ewropej.**

Emenda

2. Sabiex ikunu jistgħu jappoġġaw inizjattiva taċ-ċittadini proposta, il-firmatarji għandhom ikunu ċittadini tal-Unjoni u **għandu jkollhom tal-anqas 16-il sena.**

Ġustifikazzjoni

Jekk l-età minima tintrabat mar-rekwiżiti nazzjonali tal-età tal-votazzjoni x'aktarx li tinħoloq l-inugwaljanza, bħal fl-Awstrija, l-età minima tal-votazzjoni hija ta' 16-il sena filwaqt li fi Stati Membri oħra hija ta' 18-il sena. Huwa mixtieq li titbaxxa u b'hekk tiġi armonizzata l-età minima tal-votazzjoni għall-firmatarji, biex b'hekk iċ-ċittadini kollha jiġu ttrattati l-istess u biex iż-żgħażaġh jiġu involuti fil-ħolqien tal-politika tal-UE u fid-djalogu ċivili.

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Qabel jibda l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji għal inizjattiva taċ-ċittadini proposta, l-organizzatur għandu jkun obligat li jirreġistraha mal-Kummissjoni, u jipprovdu l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II, b'mod partikolari dwar is-suġġett u l-għanijiet kif ukoll is-sors ta' ffinanzjar u appoġġ għall-inizjattiva taċ-ċittadini proposta.

Emenda

1. Qabel **ma tasal deċiżjoni mill-Kummissjoni dwar l-ammissibilità u** jibda l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji għal inizjattiva taċ-ċittadini proposta, l-organizzatur għandu jkun obligat li jirreġistraha mal-Kummissjoni, u jipprovdu l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II, b'mod partikolari dwar is-suġġett u l-għanijiet kif ukoll is-sors ta' ffinanzjar u appoġġ għall-inizjattiva taċ-ċittadini proposta.

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni għandha tirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' inizjattivi taċ-ċittadini proposti li huma manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni.

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha tirrifjuta r-reġistrazzjoni ta' inizjattivi taċ-ċittadini proposti li huma manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni. ***Il-Kummissjoni jeħtiġilha tispjega kif xieraq u tippubblika r-raġunijiet tagħha għar-rifjut tal-inizjattiva.***

Ġustifikazzjoni

M'hemm l-ebda dubju li t-trasparenza se jkollha element edukattiv u se twassal biex tiġi evitata l-multiplikazzjoni ta' inizjattivi inammissibbli jew ridikoli.

Emenda 16

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5**

Test propost mill-Kummissjoni

5. Inizjattiva taċ-ċittadini proposta li ġiet reġistrata għandha ssir pubblika fir-reġistru.

Emenda

5. Inizjattiva taċ-ċittadini proposta li ġiet reġistrata għandha ssir pubblika fir-reġistru. ***Ladarba r-reġistrazzjoni tkun kompluta, il-Kummissjoni għandha teżamina l-ammissibilità tal-inizjattiva taċ-ċittadini li tkun ġiet proposta, skont l-Artikolu 8.***

Ġustifikazzjoni

M'hemm l-ebda bżonn li wieħed jistenna bl-iċċekkjar tal-ammissibilità sa xħin il-kumitat organizzattiv ikun għabar ċertu għadd ta' firem u ressaq quddiem il-Kummissjoni talba għal deċiżjoni dwar l-ammissibilità. Bil-għan li jkun ipprevenut kwalunkwe piż amministrattiv bla bżonn, il-Kummissjoni għandha tiċċekkja l-ammissibilità tal-inizjattiva proposta minnufih wara r-reġistrazzjoni u mingħajr dewmien.

Emenda 17

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5 a (ġdid)**

5a. L-inizjattivi rreġistrati kollha għandhom jingħataw numru ta' referenza.

Il-bażi ta' dejta tal-Kummissjoni għall-ħżin tal-inizjattivi rreġistrati għandha ttiprovdi indikatur li kull ġimgħa juri l-istadju li tkun waslet fih kwalunkwe inizjattiva.

Ġustifikazzjoni

Dan se jżomm liċ-ċittadini aġġornati dwar l-istat tal-inizjattivi taċ-ċittadini varji.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-organizzatur għandu jkun responsabbli għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa mill-firmatarji għal inizjattiva taċ-ċittadini proposta li tkun ġiet reġistrata skont l-Artikolu 4.

1. L-organizzatur għandu jkun responsabbli li jiġbor mill-firmatarji d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa għal inizjattiva taċ-ċittadini proposta li tkun ġiet reġistrata skont l-Artikolu 4 **u li fir-rigward tagħha tkun ittieħdet deċiżjoni pożittiva dwar l-ammissibilità.**

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għal dan l-iskop jistgħu jintużaw biss dikjarazzjonijiet permezz ta' formuli tal-appoġġ li **jikkonformaw mal-mudell stabbilit fl-anness III**. L-organizzatur għandu jimla l-formoli kif indikat fl-anness III qabel ma jibda l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji.

Għal dan l-iskop jistgħu jintużaw biss dikjarazzjonijiet permezz ta' formuli tal-appoġġ li **jkun fihom l-informazzjoni meħtieġa skont l-eżempju mogħti fl-Anness III**. L-organizzatur għandu jimla l-formoli kif indikat fl-Anness III qabel ma jibda l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ

L-informazzjoni mogħtija fil-formoli għandha tikkorrispondi mal-informazzjoni li hemm fir-reġistru.

mill-firmatarji. L-informazzjoni mogħtija fil-formoli għandha tikkorrispondi mal-informazzjoni li hemm fir-reġistru.

Ġustifikazzjoni

L-intenzjoni hi li l-organizzaturi ma jiġux ristretti b'ċerta formola imma li jingħataw il-possibilità li jużaw il-formoli tagħhom stess, filwaqt li madankollu jipprovdu l-informazzjoni mitluba fil-mudell ippreżentat mill-Kummissjoni.

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ **kollha** għandhom jinġabru wara d-data **tar-reġistrazzjoni** tal-inizjattiva proposta u f'perjodu li ma jaqbiżx it-12-il xahar.

Emenda

4. Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għandhom jinġabru **biss** wara d-data **tad-deċiżjoni pożittiva dwar l-ammissibilità fir-rigward** tal-inizjattiva proposta u f'perjodu li ma jaqbiżx it-12-il xahar.

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) is-sistema tista' tiġġenera dikjarazzjonijiet ta' appoġġ individwali f'formola li **tikkonforma mal-mudell stabbilit** fl-Anness III, sabiex tippermetti l-kuntroll mill-Istati Membri, skont l-Artikolu 9(2).

Emenda

(d) is-sistema tista' tiġġenera dikjarazzjonijiet ta' appoġġ individwali f'formola li **jkun fiha l-informazzjoni meħtieġa skont l-eżempju mogħti** fl-Anness III, sabiex tippermetti l-kuntroll mill-Istati Membri, skont l-Artikolu 9(2).

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Sabiex l-iskema ta-inizjattivi taċ-

ċittadini tinżamm faċli biex tintuża u ma tipprovokax preokkupazzjonijiet bla bżonn dwar il-protezzjoni tad-dejta, l-ebda firmatarju m'għandu jintalab jipprovdi numru tal-karta tal-identità personali.

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Fi żmien **12-il xahar** mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 4, skont il-proċedura regolatorja stabbilita fl-Artikolu 19(2).

Emenda

5. Fi żmien **sitt xhur** mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 4, skont il-proċedura regolatorja stabbilita fl-Artikolu 19(2). **Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għodda onlajn sikura li tippermetti li l-firem jinġabru b'mod li ma jipperikolax il-privatezza.**

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-firmatarji tal-inizjattiva taċ-ċittadini għandhom ikunu ġejjin mill-anqas minn **terz** tal-Istati Membri.

Emenda

1. Il-firmatarji tal-inizjattiva taċ-ċittadini għandhom ikunu ġejjin mill-anqas minn **kwart** tal-Istati Membri.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. **F'terz** tal-Istati Membri, il-firmatarji għandhom jikkonsistu f'għall-anqas in-numru minimu ta' ċittadini stabbilit fl-

Emenda

2. **Fi kwart** tal-Istati Membri, il-firmatarji għandhom jikkonsistu f'għall-anqas in-numru minimu ta' ċittadini stabbilit fl-

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-firmatarji għandhom jitqiesu bħala li ġejjin mill-Istat Membru li ***harez id-dokument ta' identifikazzjoni*** indikat fid-dikjarazzjoni ta' appoġġ tagħhom.

Emenda

3. Il-firmatarji għandhom jitqiesu bħala li ġejjin mill-Istat Membru li ***fih għandhom l-indirizz tagħhom, kif*** indikat fid-dikjarazzjoni ta' appoġġ tagħhom.

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Wara li ***jkun għabar 300.000 dikjarazzjoni ta' appoġġ skont l-Artikoli 5 mill-firmatarji li jkunu ġejjin għall-anqas minn tliet Stati Membri, l-organizzatur għandu jissottometti lill-Kummissjoni talba għal deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà ta' inizjattiva taċ-ċittadini proposta. Għal dan il-għan, l-organizzatur għandu juża l-formola stabbilita fl-Anness V.***

Emenda

1. Wara li ***tkun għet irreġistrata l-inizjattiva taċ-ċittadini, il-Kummissjoni għandha teżamina l-ammissibbiltà tagħha mingħajr dewmien.***

Ġustifikazzjoni

M'hemm l-ebda bżonn li wieħed jistenna bl-iċċekkjar tal-ammissibilità sa xħin il-kumitat organizzattiv ikun għabar ċertu għadd ta' firem u ressaq quddiem il-Kummissjoni talba għal deċiżjoni dwar l-ammissibilità. Bil-għan li jkun ipprevenut kwalunkwe piż amministrattiv bla bżonn, il-Kummissjoni għandha tiċċekkja l-ammissibilità tal-inizjattiva proposta minnufih wara r-reġistrazzjoni u mingħajr dewmien.

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun notifikata lill-organizzatur tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta u għandha tiġi pubblikata.

Emenda

3. Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun notifikata lill-organizzatur tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta u għandha tiġi pubblikata. ***Għandha tindika liema hu dak l-att legali jew miżura l-Kummissjoni tqis bħala xierqa biex jintlaħqu l-objettivi tal-inizjattiva taċ-ċittadini fil-każ li dik l-inizjattiva tkun suċċess.***

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li organizzatur ikun jaf minn kmieni biżżejjed liema tip ta' att legali jew miżura legali ikunu xierqa bil-għan li jintlaħqu l-objettivi tal-inizjattiva taċ-ċittadini fil-każ li tkun suċċess. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tippovdi lill-organizzatur indikazzjoni realisitika, li tkun l-ewwel waħda, dwar miżuri xierqa li diġà jinsabu fil-kuntest tal-iċċekkjar tal-ammissibilità.

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Wara li jkun ġabar id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa mill-firmatarji skont l-Artikoli 5 u 7, ***u sakemm il-Kummissjoni tkun iddeċidiet li inizjattiva taċ-ċittadini proposta hija ammissibbli skont l-Artikolu 8***, l-organizzatur għandu jissottometti d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, permezz tal-karti jew f'forma elettronika, lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti previsti fl-Artikolu 14 għall-verifika u ċ-ċertifikazzjoni. Għal dan il-għan, l-organizzatur għandu juża l-formola stabbilita fl-Anness VI.

Emenda

1. Wara li jkun ġabar id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa mill-firmatarji skont l-Artikoli 5 u 7, l-organizzatur għandu jissottometti d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, permezz tal-karti jew f'forma elettronika, lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti previsti fl-Artikolu 14 għall-verifika u ċ-ċertifikazzjoni. Għal dan il-għan, l-organizzatur għandu juża l-formola stabbilita fl-Anness VI.

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

L-organizzatur għandu jeqred *id-dikjarazzjonijiet* ta' appoġġ li jirċievi għal inizjattiva taċ-ċittadini partikolari u kull kopja tagħha mhux aktar minn xahar wara ***li jissottometti dik l-inizjattiva lill-Kummissjoni*** skont ***l-Artikolu 10 jew 18-il xahar mid-data tar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini proposta, skont liema taħbat l-ewwel.***

Emenda

Il-kumitat organizzattiv għandu jeqred *kull dikjarazzjoni* ta' appoġġ li jirċievi għal inizjattiva taċ-ċittadini partikolari u kull kopja tagħha mhux aktar minn xahar wara ***l-pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea*** skont ***l-Artikolu 11(2).***

Ġustifikazzjoni

Il-qerda tal-formoli tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għandha ssejtni wara l-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Il-kumitat organizzattiv għandu jkollu l-opportunità li jinforma lill-firmatarji kollha dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar inizjattiva taċ-ċittadini partikolari. Huwa importanti ħafna li, matul il-proċess kollu, iċ-ċittadini jkunu informati dwar is-segwitu tal-proposta li jappoġġjaw.

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Għall-fini ta *l-implementazzjoni* tal-Artikolu 6(5), il-Kummissjoni għandha tkun *mgħejjuna* minn kumitat.

Emenda

1. Għall-fini ta *l-implementazzjoni* tal-Artikolu 6(5), il-Kummissjoni għandha tkun *mgħejjuna* minn kumitat ***indipendenti li jkollu l-għarfien tekniku xieraq.***

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 21

Test propost mill-Kummissjoni

Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha

Emenda

Sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha

tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Ġustifikazzjoni

Ir-reviżjoni għandha ssir aktar kmieni. Jidher li sentejn huma biżżejjed biex jiġu vvalutati l-ewwel inizjattivi.

Emenda 33

Proposta għal regolament Anness II – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-isem, indirizz u *e-mail* kompluti ***tal-organizzatur jew, fil-każ ta' entità jew organizzazzjoni legali, tar-rappreżentant legali tagħha;***

Emenda

5. L-isem, indirizz *postali* u *tal-posta elettronika* kompluti ***ta' kull membru tal-kumitat organizzattiv.***

Emenda 34

Proposta għal regolament Anness III – kaxxa 2 – punt 4 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Għejun ta' finanzjament*:

Ġustifikazzjoni

F'għieħ it-trasparenza, l-għejun tal-finanzjament ta' kull inizjattiva taċ-ċittadini għandhom jiġu indikati fil-formola tad-dikjarazzjoni ta' appoġġ. Għandu jkun ċar għall-firmatarji kollha min hu dak li qed jiffinanzja l-inizjattiva rispettiva.

Emenda 35

Proposta għal regolament Anness III – kaxxa 3 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Data ***u post*** tat-twelid*:

4. Data tat-twelid*:

Data tat-twelid: Lokalità u pajjiż:

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex meħtieġ it-tagħrif dwar il-post tat-twelid. Ir-rapporteur tipproponi li dan jitħassar biex il-formola tiġi ssimplifikata.

Emenda 36

Proposta għal regolament Anness III – kaxxa 3 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. Numru personali ta' identifikazzjoni*: *imħassar*

Tip ta' numru ta' identifikazzjoni/dokument tal-identità*:

**Karta tal-identità nazzjonali: Passaport:
Sigurtà Soċjali:**

Stat Membri, fejn inħareġ in-numru ta' identifikazzjoni/identità tad-dokument*:

Emenda 37

Proposta għal regolament Anness V

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Anness imħassar

Emenda 38

Proposta għal regolament Anness VIII – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. L-isem, indirizz u e-mail kompluti tal-organizzatur jew, fil-każ ta' entità jew organizzazzjoni legali, tar-rappreżentant legali tagħha:

6. L-isem, indirizz postali u tal-posta elettronika kompluti ta' kull membru tal-kumitat organizzattiv.

PROCĊEDURA

Titolu	L-inizjattiva ta'-ċittadini
Referenzi	COM(2010)0119 – C7-0089/2010 – 2010/0074(COD)
Kumitat responsabbli	AFCO
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 21.4.2010
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Róża Gräfin von Thun und Hohenstein 20.5.2010
Eżami fil-kumitat	14.7.2010 27.9.2010
Data tal-adozzjoni	27.10.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdi Cristiano Allam, Maria Badia i Cutchet, Zoltán Bagó, Malika Benarab-Attou, Lothar Bisky, Piotr Borys, Jean-Marie Cavada, Silvia Costa, Santiago Fisas Ayxela, Petra Kammerevert, Morten Løkkegaard, Marek Henryk Migalski, Doris Pack, Chrysoula Paliadeli, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Marietje Schaake, Marco Scurria, Joanna Senyszyn, Emil Stoyanov, Hannu Takkula, Sabine Verheyen, Milan Zver
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Ivo Belet, Luigi Berlinguer, Nadja Hirsch, Oriol Junqueras Vies, Seán Kelly, Timothy Kirkhope, Mitro Repo, Monika Smolková, Rui Tavares, Róża Gräfin von Thun und Hohenstein